Editorjal Fr Carl Mario Sultana

# Kelma li tħeġġiġni biex ngħix il-fidi

**"Il-fidi, mela, tiġi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-kelma ta' Kristu."** (Rum 10, 17)

Hekk jistqarr l-appostlu San Pawl fl-ittra tiegħu lir-Rumani. Kemm huwa importanti li jkolli widnejja miftuħin biex nisma'! Dan huwa aktar importanti fil-kuntest li fih qegħdin ngħixu llum. Id-dinja ta' madwarna minnha nfisha ddawwarna b'ħafna ħsejjes u storbju. Kemm hu aktar diffiċli li nsibu s-silenzju, u meta nsibuh ħafna drabi jiġrilna li naħarbu minnu għaliex insibuh skomdu ħafna, billi m'aħniex imdorrijin għalih!

Dan iwassalna biex nifhmu kemm aktar għandna bżonn li nieqfu mir-rutini li nidħlu fihom ta' kuljum ħalli nkunu nistgħu nisimgħu l-Kelma ta' Alla. Aħna li għandna din is-sejħa li nwasslu l-Kelma ta' Alla lill-oħrajn għandna aktar responsabbiltà f'dan kollu. Irridu nkunu aħna l-ewwel nies li nisimgħu l-Kelma ta' Alla ħalli nitwettqu fil-fidi. B'hekk imbagħad inkunu nistgħu bil-kuraġġ kollu nwasslu lill-oħrajn għall-fidi. Hemm ħaġa waħda li hija ċerta f'dan il-proċess kollu: ma nistax nagħti minn dak li m'għandix.

L-episodju tal-laqgħa tad-dixxipli ta' Emmaws ma' Ġesù, wara l-qawmien tiegħu mill-imwiet, huwa ikona li jitfa' ħafna dawl dwar kif irridu nkunu aħna l-ewwel li nisimgħu u nitħeġġu bil-Kelma ta' Alla, biex imbagħad inkunu nistgħu nħeġġu lill-oħrajn. Kienet il-Kelma ta' Alla li ħeġġet il-qalb ta' dawn iż-żewġ dixxipli ħalli jerġgħu lura lejn Ġerusalemm biex iħabbru lil sħabhom li Ġesù kien tassew qam. Huma rritornaw lura – anki jekk il-ħin ma kienx l-aktar wieħed tajjeb biex tivvjaġġa fih – għaliex issa kienu mtlew bil-fidi li Ġesù tassew kien qam. Din il-fidi tant kienet qawwija u tħeġġeġ ġo fihom, li ma setgħux iżommuha għalihom infushom biss, imma bilfors riedu jaqsmuha mal-oħrajn.

Huwa bl-istess mod li l-Kelma ta' Alla għandha timliena bil-fidi. Jekk ma tkunx il-Kelma ta' Alla – Kelma ta' fedeltà; Kelma vera; Kelma li turi l-fiduċja li Alla għandu fina l-bnedmin – minn fejn u biex se naslu għall-fidi? Hija l-Kelma ta' Alla biss li tista' twassalna għall-fidi. Mingħajr il-Kelma ta' Alla żgur li ma naslux għall-fidi, anzi nistgħu nispiċċaw naslu f'sitwazzjonijiet fejn nibnu fidi li ma tkunx twassal tassew għand Alla, imma aktar tidderieġi lill-oħrajn għalina stess bħala persuni umani. Dan iwassal biex lil dawk li huma afdati f'idejja biex inwasslilhom il-Kelma ta' Alla, nispiċċa nwasslilhom lili nnifsi minflok il-fidi f'Alla.

Għadna qegħdin fis-Sena tal-Fidi, għalkemm jista' jiġrilna li bit-taħbit li jkollna ninsew xi ftit dak li qegħdin nippruvaw ngħixu matul din is-sena. Ejjew nerġgħu nagħmlu ftit spazju f'ħajjitna ħalli naraw il-fidi tagħna fiex inhi... u jekk jista' jkun inkabbruha wkoll. Ejjew f'din is-sena tal-fidi nħallu l-ikona tad-dixxipli ta' Emmaws quddiem għajnejna. B'hekk tassew inħallu l-Kelma ta' Alla tibnilna l-fidi tagħna stess, biex imbagħad bl-istess mod nużaw il-Kelma ta' Alla ħalli ndawlu l-ħajja ta' ħaddieħor. B'hekk dawk li niltaqgħu magħhom fil-laqgħat ta' katekeżi u formazzjoni jissaħħu fil-fidi mdawlin mill-Kelma ta' Alla.